Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10548 — TELEKOM DEUTSCHLAND / IFM INVESTORS / JV)

Kawża li tista' tiġi kkunsidrata għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 9/05)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telekom Deutschland GmbH ("TDG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG ("DT", il-Ġermanja)

— IFM Investors Pty Ltd ("IFM", l-Awstralja)

— GlasfaserPlus GmbH ("JV", il-Ġermanja).

TDG u IFM jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' joint ventu (JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TDG: l-offerta ta' network tal-broadband, telekomunikazzjonijiet mobbli, u servizzi oħra tat-telekomunikazzjoni lil klijenti residenzjali u kummerċjali,

— IFM: maniġer tal-investiment globali bi sjieda tal-investitur b'assi mmaniġġati fl-infrastruttura, ekwitajiet ikkwotati fil-Borża, kapital privat u investimenti tad-dejn,

— il-JV: l-ippjanar, il-kostruzzjoni u t-tħaddim sussegwenti ta' network tat-telekomunikazzjonijiet tal-fibra ottika f'ċerti żoni rurali u b'popolazzjoni inqas densa fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10548 — TELEKOM DEUTSCHLAND / IFM INVESTORS / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.